# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar it-Tlieta 4 t'April 2017**

**Mandat Numru: 387/2017 JPG**

**Adrian Borg (K.I. 52576M)**

**VS**

**Patrick Fenech (K.I. 78357M);**
**David Fenech (K.I. 418258M);**
**Maria Theresa sive Marthese**
**Abela (K.I. 460859M);**
**Cecilia Fenech (K.I. 605661M);**
**u Elizabeth Bartolo (K.I. 261567M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Adrian Borg (K.I. 52576M), datat 7 ta' Marzu 2017, li jaqra hekk;

*Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli:*

*Ibieghu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponu inter vivos mill-proprjeta' hawn taht indikata b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod iehor johqlu piz jew drittijiet reali u, jew personali fuq din il-propjeta:-*

a. *Id-dar numru tnejn u sittin (62) gja numru disgha u disghin, Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara, bil-gnien fuq wara u bis-sottoswol tieghu, liema garage kien gieli deksritt bhala workshop;*

b. *Il-garaxx bin-numru sittin (60) gja numru mija (100) fi Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara, bil-gnien fuq wara u bis-sottowol tieghu, liema garage kien gieli deksritt bhala workshop;*

*Illi r-rikorrenti dahal f'konvenju mal-intimati datat it-tletin (30) ta' April elfejn u hmistax (2015) fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech, fejn l-intimati obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu a favur tar-rikorrenti l-propjeta' hawn fuq indikata;*

*Illi meta l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-att finali, l-intimati naqsu milli jaghmlu dan;*

*Illi r-rikorrenti diga hallas l-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000) lill-intimati akkont tal-prezz;*

*Illi r-rikorrenti pprezenta rikors guramentat konstestwalment mal-prezenti sabiex jitlob l-ezekuzzjoni tal-istess konvenju, u fin-nuqqas il-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*Illi r-rikorrenti sar jaf li l-intimati, jew min minnhom ma jridux ibieghu l-propjeta li lir-rikorrenti izda qeghdin ifittxu l-bejgh tal-propjeta lil terzi;*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommhom milli jkompli jaghmlu l-hwejjeb hawn fuq imsemmija.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-intimati Patrick Fenech (K.I. 78357M) et., datat 14 ta' Marzu 2017, (vide fol 8 et seq), li jaqra hekk;

1. *Illi r-rikorrenti Adrian Borg talab il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi sabiex l-esponenti jigu inibiti milli jbieghu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponu inter vivos mill-proprjeta' bin-numru tnejn u sittin (62) gja numru disgha u disghin (99), Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara, inkluz il-gnien fuq wara, bl-arja libera taghha, kif parzjalment sovrappost fuq il-garage numru sittin (60), u l-istess garage bil-gnien fuq wara u bis-sottosuol tieghu ('il-Proprjeta''), liema Proprjeta' hija indikata fil-konvenju datat tletin (30) ta' April elfejn u hmistax (2015);*

2. *Illi permezz tal-prezenti, l-esponenti jirrilevaw illi t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni de quo hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dan peress illi ma jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni;*

3. *Illi ai termini tal-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, "Il-Qorti m'ghandiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet". Dawn l-elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti, fi kliem il-ligi stess, "m'ghandhiex tohrog tali mandat";*

***Riassunt tal-Fatti Relevanti***

4. *Illi pertinenti illi l-proceduri odjerni jittiehdu fil-kuntest taghhom u ta' dak li wassal ghalihom:-*

*(i) Illi nhar it-tletin (30) ta' April elfejn u hmistax (2015) il-kontendenti dahlu f'konvenju quddiem in-nutar Dr. James Grech, fejn l-esponenti wieghdu li jbieghu l-Proprjeta' lir-rikorrenti, u r-rikorrenti wieghed li jakkwista l-Proprjeta' minghand l-esponenti, soggett ghal numru ta' kundizzjonijiet, b'effett sas-16 ta' Dicembru 2015, kopja tal-konvenju annessa u mmarkata bhala '**Dok PF1**';*

*(ii) Illi fuq rikjesti tar-rikorrenti, il-konvenju surreferit gie mgedded diversi drabi buona volonta' ta' l-esponenti, bl-ahhar estensjoni skadiet nhar id-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

*(iii) Illi l-esponenti ghamluha cara mar-rikorrenti illi dina kienet ser tkun l-ahhar estensjoni illi jippermettu u li ma kienux lesti jibqghu jgeddu l-istess in eternum;*

*(iv) Illi wara li baqghu ma semghu xejn mir-rikorrenti u bdiet toqrob id-data ta' l-iskadenza tal-konvenju skont l-ahhar estensjoni, fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-esponenti baghtu ittra ufficjali lir-rikorrenti kopja hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok PF2**' fejn talbu lir-rikorrenti jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att finali tal-istess proprjeta' sad-data ta' l-iskadenza, izda huwa baqa' inadempjenti;*

*(v) Illi xi tliet (3) gimghat wara li skada l-konvenju, ir-rikorrenti kkuntatja lill-esponenti tramite l-legali tieghu u bil-vilta' kollha ppretenda li l-konvenju li kien skada kellhu jibqa' vigenti;*

***Nuqqas ta' Jedd Prima Facie***

5. *Illi l-ligi thares il-jedd prima facie bhala rekwizit mehtieg ghall-hrug ta' Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd anke jekk prima facie biex jimmerita harsien.*[1]

[1] *Vide **'Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et'**, Qorti tal-Kummerc, 26 ta' Mejju 1995*

6. *Illi dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza* ***Grech pro et noe vs Manfre'*** *(Kollezz Vol. LXXI.11.295) irriteniet is-segwenti:-*

   *"...huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjoni tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug ta' mandat"*

7. *Illi fil-kwistjoni odjerna l-Qorti mad-daqqa t'ghajn x'ghandha quddiemha? Ghandha konvenju rigwardanti l-proprjeta' illi skada (kopja ta' liema qieghda tigi pprezentata mill-esponenti u mhux mir-rikorrenti!) u minn imkien ma jirrizulta, u lanqas huwa biss allegat, illi r-rikorrenti ttenta illi jzomm il-jedd tieghu ferm permezz tal-procedura taht l-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta - u dan mhux sorprendenti, il-ghaliex l-inadempjenza dejjem kienet da parti tar-rikorrenti u Qatt da parti tal-esponenti;*

8. *Illi f'sitwazzjoni identika ghal dik odjerna, dina l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Silvio Meli fil-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1003/2016 fl-ismijiet '****SOSO Malta Limited v. Christopher Camenzuli u Fiona Camenzuli'*** *nhar l-1 ta' Awwissu 2016, il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:*

   *"….ghandu jkun pacifiku li s-socjeta' rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt x'tivvanta fuq l-istess stante:*

   *Illi l-konvenju in dizamina m'ghadux aktar vinkolanti fuq l-intimati:*

   *Illi dan kollu hu rizultat tal-fatt li l-estensjoni tal-konvenju skadiet inutilment;*

   *Illi ghalhekk id-dritt rikjamat mis-socjeta' rikorrenti ma jirrizultax li ghadu vigenti favur l-istess socjeta';*

   *Illi ghalhekk ukoll, is-socjeta' rikorrenti ma tirrizultax li ghadha protetta bid-drittijiet naxxenti mill-istess konvenju stante li skada;"*

9. *Illi in vista tas-suespost u ghall-kuntrarju ta' dak illi jippretendi ir-rikorrenti, huwa tilef kull jedd li kellu dwar il-Proprjeta' darba li l-konvenju skada;*

***Il-pregudizzju;***

10. *Illi fil-verita' huma l-esponenti illi qeghdin isofru l-pregudizzju u mhux ir-rikorrenti, liema pregudizzju ilhom isoffruh ghal diversi snin minhabba n-nuqqasijiet lampanti da parti tar-rikorrenti illi jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-konvenju u jersaq ghall-att finali;*

11. *Illi sopra corne a bastonate l-esponenti qieghdin jigu kkastigati mir-rikorrenti b'dan il-mod wara li ghal diversi drabi kienu disposti li jgeddu t-termini tal-konvenju - donnu r-rikorrenti jippretendi li dan huwa xi dritt tieghu sagrosant!*

12. *Illi fid-dawl ta' dan kollu pertinenti issir riferenza ghal dak li dina l-Onorabbli Qorti accennat fid-digriet taghha tat-18 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet '**Av. Dr. John Gauco vs. Direttur tal-Kuntratti'**:-*

*"Ir-rabta' ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imam ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat t'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."*

13. *Illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan il-mandat b'mod definittiv, tkun qieghda tikkastiga ngustament lill-esponenti u takkolji l-mezzi qarrieqa li bihom donnu jrid jiggwadanja r-rikorrenti.*

***Konkluzjoni***

14. *Ghaldaqstant, in vista tal-fatti u ragunijiet hawn fuq spjegati l-esponenti qeghdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba maghmula mir-*

*rikorrenti fir-rikors promotur tieghu u tirrevoka l-hrug provizzorju tal-istess mandat ta' inibizzjoni numru 387/2017;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti kontra r-rikorrenti, skond il-ligi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Adrian Borg** xehed a fol 18 *et seq* illi hu kien dahal f'konvenju ta' ghaxar xhur f'April 2015 mal-intimati sabiex jixtri fond proprjeta taghhom, liema konvenju kien jiskadi f'Dicembru 2015. Dan sar fuq parir tal-bank li kien ser jiffinanzjah. Kompla illi mbaghad kienu saru erba' estensjonjiet u skont l-ahhar estensjoni, l-konvenju kellu jiskadi fi Frar 2017. Spjega li dan il-konvenju kien sar soggett ghal kondizzjoni li huwa jinghata self mill-bank, u s-*sanction letter* kienet harget **qabel** skada l-konvenju. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn allura saru erba' estensjonijiet, wiegeb illi s-*sanction letter* damet iktar milli suppost biex tohrog, minhabba illi l-iskrivan tal-bank ma kienx issottometta l-applikazzjonji tieghu ghall-facilita ta' self. Xehed illi llum il-gurnata huwa qieghed f'posizzjoni li jixtri dan l-fond, u li filfatt kien f'din il-posizzjoni xi gimghatejn qabel ma ntavola dawn il-proceduri tant illi hu u n-Nutar kienu marru ghand il-BOV sabiex jigi ffirmat il-kuntratt, f'data li kienet inghatat xi ftit jiem qabel ma skada l-konvenju, izda l-intimati ma dehrux. Zied illi filfatt huwa kien kellem lil wahda mill-intimati li kienet informatu li l-bqija tal-vendituri ma riedux ikomplu jestendu l-konvenju.

**In kontro ezami** a fol 21 *et seq* xehed illi l-partijiet damu fuq konvenju ghall-perjodu ta' ftit anqas minn sentejn. Xehed illi huwa meta kien barra minn Malta, huh kien qallu li kien hemm kollox lest salv illi jiehu kopji tar-*returns* tieghu lill-bank u ma talabx lill-intimati estensjoni ohra ghax kien qieghed f'kuntatt maghhom. **Mistoqsi jekk kienx baghat ittra ufficjali, wiegeb li huwa kellu n-Nutar u in-Nutar kien kellem lill-intimati.** Mistoqsi

jekk ic-cekk tad-depozitu setghax jissarraf wiegeb illi c-cekk seta jissarraf u lill-intimati kienu tahom cekk iehor minn kont differenti.

**Elizabeth Bartolo** xehdet a fol 23 *et seq* illi r-rikorrent kien baqa' ma pprezentax is-*sanction letter* nonostante n-numru ta' estensjonijiet li kienu qed jinghatawlu. Imbaghad irrizulta illi c-cekk tal-hlas tad-depozitu **ma setghax jisarraf** u ghalhekk f'Dicembru kienu informaw lir-rikorrenti li biex ikun hemm estensjoni ohra jrid jaghtihom cekk iehor, u filfatt **kien tahom cekk ta' tletin elf ewro (€30,000)**, u ghalhekk kienet saret estensjoni ohra sad-9 ta' Frar 2017. Kompliet illi xi gimghatejn qabel ma skada l-konvenju, r-rikorrenti kien cemplilha b'nifsu maqtugh, biex jghidilha li **kellu xi problema dwar ipoteka.** Imbaghad regghu ikkomunikaw fit-30 ta' Jannar 2017 meta r-rikorrenti kien qalilha li l-BOV kienu qed jaghmlu l-ahjar taghhom biex isolvu l-problema u li kien ser icemplilha kif ikollu risposta, izda sa ftit granet qabel id-9 ta' Frar 2017, kien ghadu ma regax kellimha u ghalhekk kienu baghtu l-ittra ufficjali. Imbaghad fl-24 ta' Frar 2017 kien cemplilha biex jghidilha li fl-ahhar kienet harget il-*waiver* mill-bank u informaha li gew moghtija appuntament mill-bank biex isir il-kuntratt finali fis-6 ta' Marzu 2017 .

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, *albeit* biss wiehed fuq bazi ta' *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

It-talba odjerna ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni giet intavolata mir-rikorrenti li kien il-kompratur fuq konvenju, kontra l-intimati, il-vendituri. Dan il-konvenju kien sar, fost affarijiet ohra suggett ghall-oghti ta' self mill-bank lir-rikorrenti, tant illi r-rikorrent, permezz tal-istess konvenju, gie koncess lilu il-fakulta illi jekk ma jottjenix is-self necessarju, u ma jsehhx l-att finali, ma jitlifx id-depozitu li gie mhallas minnu fuq il-konvenju.

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm il-partijiet riedu li jigi ffirmat il-kuntratt definittiv, ir-rikorrent ma kienx f'posizjoni li jidher fuq il-kuntratt finali ta' komprovendita peress illi **fiz-zmien meta skada l-kuntratt, ma kellhux il-finanzjament necessarju** sabiex jakkwista il-fond in kwistjoni. **M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent irrnexxilu jottjeni l-finanzjament necessarju, xi gimghat wara li kien lahaq skada il-konvenju.**

Skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-provvediment tal-Artikolu 1357(2) m'huwiex applikabbli ghal parti f'konvenju li tkun trid ittawwal l-effetti tal-konvenju ghaliex ma tkunx tista' tidher fuq l-att finali ghar-ragunijiet imputabbli lilha stess. Dan jidher fis-sentenza fl-ismijiet **Steve Cachia et vs Nicholas Cutajar et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Gunju 2002, fejn gie ritenut illi:

> "**[p]*arti wahda f'konvenju ma tistax tuza dawn id-disposizzjonijiet biex ittawwal l-effetti tal-konvenju in vista tal-fatt li l-istess parti ma tistax tersaq ghall-att definittiv minhabba xi nuqqas taghha stess*.** *F'dan il-kaz jirizulta li dan kien x'riedu jghamlu l-atturi, cioe' li jitawlu l-effetti tal-konvenju in vista tal-fatt li kien ghadhom ma kellhomx il-finanzjament necessarju sabiex jakkwistaw il-proprjeta in kwestjoni*."

Dan ifisser ghalhekk illi galadarba l-att finali ma setghax isir minhabba li r-rikorrent kien ghadu ma ottjeniex is-self necessarju mill-bank, huwa ma setghax jipprevalixxi ruhu mill-provvediment tal-Artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili biex b'hekk itawwal l-effetti tal-konvenju kontra r-rieda tal-intimati. **Minn dan isegwi ghalhekk illi r-rikorrent m'ghandhux jedd *prima facie* x'jissalvagwardja, b'konsegwenza illi dan il-mandat ma jistghax jigi milqugh.**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li **tirrevoka *contrario imperio*** id-digriet taghha tas-7 ta' Marzu 2017 permezz ta' liema kienet laqghat provvizorjament it-talba, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Moghti Kameralment illum it-Tlieta 4 t'April 2017**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**